# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 22 ta' Marzu 2017**

**Rikors Numru: 340/2012 CSH**

**Snoop Company Limited (C42753)**

**vs**

**Blye Engineering Company Limited (C8256)**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur tas-socjeta' attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Ottubru 2012 fejn talbet lil din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi l-*industrial extractor fan* mixtri mis-socjeta' rikorrenti minghand dik intimata kien kolpit b'difetti mohbija u/jew ma kienx skond il-kwalita' miftehma u/jew ma kienx adatt ghall-uzu li ghalih gie mixtri liema uzu kienet taf bih minn qabel is-socjeta' intimata.

Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti in segwitu ghall-fatt li l-*extractor fan* waqaf jahdem ftit xhur wara li nxtara bil-konsegwenza li r-*restaurant* gestit mis-socjeta' rikkorrenti Badass gewwa t-Teatru l-Antik il-Belt kien kostrett ma jservix iktar ikel sakemm l-*extractor fan* jew jigi rrangat jew jigi addirittura mibdul jew rimpjazzat b'wiehed gdid mis-socjeta' intimata,

haga li din tal-ahhar ghadha sal-lum ma twettqitx u dana jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

Konsegwentament tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lil dik rikorrenti s-somma li tigi hekk likwidata.

Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lil dik rikorrenti l-prezz li tal-ahhar hallset biex tixtri l-*extractor fan* kif fuq imsemmi u cioe' s-somma ta' €967.27, ossia li tikkonsenja lis-socjeta' rikorrenti minghajr ebda hlas *extractor fan* identiku ghal dak mixtri u li ma jkunx difettuz kif kien ta' qablu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji, tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment mal-prezentata ta' dan l-avviz, bl-imghaxijiet legali u ghal dak li jirrigwarda l-ahhar wahda bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data ta' rifuzjoni ta' dak l-ammont jew tal-konsenja ta' *extractor fan* simili bla hlas sakemm dan jigi fornut u bl-ingunzjoni tas-socjeta' intimata ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Blye Engineering Company Limited li giet ipprezentata fil-5 ta' Novembru 2012 fejn eccepiet:

*1. "Li mhux minnu dak li ddikjarat ir-rikorrenti li l-industrial extractor fan li hija xtrat minghand l-eccipjenti kellu xi difetti mohbija u/jew ma kienx tal-kwalita' miftehma u/jew ma kienx adatt ghall-uzu li ghalih inxtara.*

*2. Infatti, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, meta l-fan in kwistjoni, bi ftehim mas-socjeta' rikorrenti, intbaghat lura ghand il-kumpanija Taljana Marzorati Srl, li timmanifattura l-istess fans, instab li dan kien beyond economical repair tort principalment ta' uzu hazin u nuqqas ta' manutenzjoni; u konsegwentement li l-garanzija relattiva ma tapplikax meta dak li jkun gara*

*jkun dovut ghal accidental damage, misuse, lack of maintenance or appropriate protection.*

*3. Illi fic-cirkostanzi kwalsiasi danni li allegatament sofriet is-socjeta' rikorrenti mhux risponsabbli ghalihom is-socjeta' eccipjenti izda l-istess rikorrenti.*

*4. Ghaldaqstant it-talbiet kollha tas-socjeta' rikorrenti, kemm ghall-hlas tad-danni u kemm ghar-rimpjazzjament bla hlas tal-imsemmi extractor fan jew ir-rimborz tal-prezz relattiv ghandhom jigu michuda, bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.*

*5. Salvi eccezzjonijiet ohra."*

**Matthew Marshall** xehed bil-lingwa Ingliza tradotta ghall-Malti mill-Qorti fid-9 ta' Jannar 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa kariga ta' Direttur Manigerjali mas-socjeta' attrici liema socjeta' topera restorant gewwa l-Belt Valletta bl-isem "Street". Huwa kkonferma li xi sena qabel kienu xtraw *extractor fan* mis-socjeta' konvenuta. Sussegwentement huma nstallaw dan l-*extractor fan* fil-bini taghhom.

Ix-xhud spjega li dan il-fan hadem ghal perjodu ta' sitta jew tmien xhur. Huma xtraw dan il-fan ghall-prezz ta' ftit iktar minn elf ewro jekk ma kienx sejjer zball. Sussegwentement dan il-fan beda jahdem hazin u s-sistema tad-*ducking* bdiet tixxejkja. Ghalhekk huma ghamlu kuntatt mas-socjeta' konvenuta fejn infurmawhom li kien hemm problema bil-fan. Fil-fatt kien il-*handyman* Godwin li ghamel kuntatt ma' din il-kumpanija.

Ghall-ewwel is-socjeta' konvenuta ikkoperat maghhom u qalet li ma kinitx problema u kienu lesti li jiccekjaw il-fan. Huma hadu iehor ghal xi xahrejn,

huma baqghu icemplu lil Blye izda ma gara xejn. Darba tal-Blye qalilhom li l-fan kienu baghtuh l-Italja biex jara xi hsara kellu imma mbaghad baqghu ma semghu xejn. Ix-xhud sostna li huma baqghu minghajr risposta ghalkemm qalulhom li kien krucjali ghalihom. Sahansitra marru fil-hanut tas-socjeta' konvenuta fejn qalulhom li ma setghux jahdmu minghajr dan l-extractor fan. Sussegwentement huwa kkuntatja lis-socjeta' konvenuta u tkellem ma' wahda mara li generalment tiehu hsieb il-problemi tal-klijenti. Din kienet hadet xahrejn leave qabel u meta kellimha hi qaltlu li kienet l-ewwel darba li semghet b'din il-problema. Hija kienet talbet apologija ghas-servizz hazin li kienu nghataw. Pero' meta rega' tkellem maghha, hija dehret li ma riditx titkellem fuq hekk.

Sussegwentament is-socjeta' konvenuta kellmithom u qaltilhom li l-hsara kienet tort tas-socjeta' attrici ghax ma kinux ghamlulu *service* fi zmien sitt xhur. Ix-xhud sostna li dan ma jaghmilx sens ghax huma xoghlhom fuq dawn l-affarijiet. Mill-mument li nqala' l-inkwiet, huma zarmaw il-fan fuq talba tas-socjeta' konvenuta u haduhulhom lura mill-ewwel.

Ix-xhud sostna li l-fan baqghu ma haduhx lura. Fl-ahhar huma qatghu qalbhom u xtraw u nstallaw wiehed gdid. Huwa stqarr illi ma jistghux joperaw minghajr dan l-*extractor fan*. Il-kcina taghhom hija in linea mar-restorant u naturalment meta' jibda t-tisjir, ir-riha ha tidhol fir-restorant. Huma ghalqu r-restorant ghal xi tliet xhur u nofs sakemm xtraw l-extractor fan il-gdid. Ix-xhud ipprometta li se jesebixxi *rendikont* tal-hsara fis-seduta sussegwenti.

**Godwin Pullicino** xehed fit-30 ta' Jannar 2013 fejn iddikjara li huwa mpjegat mas-socjeta' attrici u jahdem bhala foreman u bhala haddiem tieghu. Huwa spjega li r-restorant gestit mis-socjeta' attrici maghruf bl-isem ta' Badass gewwa Triq it-Teatru l-Antik, il-Belt kellu bzonn extractor ghall-kcina tieghu. Ix-xhud ghalhekk ghamel tfittxija biex jara minn fejn jistghu jixtru dan l-

*extractor* u spiccat ghand is-socjeta' konvenuta. Huma kellhom *extractor* li kien tajjeb ghad-daqs taghhom u bi prezz tajjeb u sussugwentament xtrah. Huwa fil-fatt kien spjega lis-socjeta' konvenuta kemm kien gholi l-bini in kwestjoni, u l-qies tad-ducting. Dan peress illi l-mutur tal-extractor irid ikun komparat mad-ducting ezistenti. Fil-fatt ghamlulu suggeriment ta' extractor, u huma qaghdu fuqhom u xtraw dan l-extractor. Huwa fil-fatt tkellem mal-inginier taghhom u staqsieh xi domandi dwar il-*variable speed*, u qallu li ma jihux *variable speeds*, pero' nonostante dan kien xorta jghodd ghalihom. Dan l-*extractor* gie nstallat mix-xhud flimkien ma' xi haddiema tax-xhud. Huma bdew juzawh u stqarr li fil-bidu dan beda jahdem.

Huwa tenna li huma xtraw dan l-extractor fil-bidu tas-sena 2012 u f'Lulju tal-istess sena bdew jisimghu storbju kbir fid-*ducting*. Huma telghu fuq il-bejt biex jaraw x'kien gara u sabu li l-mutur ghandu xaft li jdawwar u nqasmet ic-cavetta u l-post minn fejn iddawwar din ir-rota. Ix-xhud qala' dan l-*extractor* u mar bih ghand is-socjeta' konvenuta, fejn ghamel *complaint*. Kien hemm tfajla mad-desk u qaltlu li l-imghallem taghha kien imsiefer pero' huwa halla dan l-*extractor* hemmhekk, u wara beda jcempel u mar fl-ufficini taghhom biex jara x'ser isir minnu l-extractor, u t-tfajliet li jkun hemm *front office* dejjem kienu jghidulu li ma kellhomx risposta. Huwa qatt ma' ltaqa' mas-sinjur li kien hemm prezenti fl-awla ghan-nom tas-socjeta' konvenuta.

Sussugwentement dawn it-tfajliet kienu tawh in-numru tat-telefon tal-imghallem taghhom u beda jcempillu wkoll. Ix-xhud tkellem mieghu u qallu li kellu jara x'fih. In segwitu beda jerga' jcempillu pero' ma bdewx jirrispondu t-telefonati. Ix-xhud rega' mar personalment ghand il-Blye Engineering u qalulu li kienu baghtu dan l-extractor fan barra minn Malta. L-imghallem tax-xhud beda jistaqsih x'kien gara minn dan l-*extractor* ghax nel frattemp kienu bir-restorant maghluq. Ir-restorant taghhom huwa diviz fi tnejn fejn iservu l-ikel, ghax fuq jaghti ma' Triq it-Teatru l-Antik u l-parti ta' isfel tinfed ghal triq

Strada Stretta. Il-kcina tinsab mal-parti ta' isfel, u l-bieb tal-kcina jaghti ghal kamra tar-restorant u peress li kien hemm hafna *fumes* u dawn bdew johorgu barra, fir-restorant ma setghux iservu l-ikel lin-nies.

Ix-xhud sostna li sal-ahhar ta' Settembru ma kellhom l-ebda risposta minghand is-socjeta' konvenuta u ghalhekk iddecidew li jixtru extractor iehor. Dan it-tieni extractor inxtara minghandu wkoll. Pero' fil-fatt kien ha parir li kellu jaghmel *retarder starter* sabiex jistartja bil-mod. Fil-fatt huwa kien ha parir mhux mis-socjeta' konvenuta izda minghand terzi persuni. B'dan ghalhekk il-mutur ikollu *soft starting*, biex b'hekk il-mutur idur bil-mod sakemm jaqbad u jiehu l-ispeed tieghu. Lilhom meta kienu xtraw l-ewwel extractor is-socjeta' konvenuta ma qaltilhom xejn dwar din is-sistema tas-*soft starter*. It-tieni extractor ghadu jahdem sal-lum minghajr problemi.

In kontro-ezami x-xhud stqarr li effettivament bejn is-socjetajiet kontendenti kien hemm xi kambju ta' korrespondenza. Huwa pero' din il-korrespondenza qatt ma' raha. Skond ma' kien qallu l-imghallem tieghu, lil Blye Engineering kien qallu li l-*extractor* kien qieghed jissewwa. Sal-lum il-gurnata x-xhud ma jafx li s-socjeta' Blye Engineering tat xi raguni ghaliex mar l-ewwel *extractor*.

**Matthew Marshall** rega' xehed bil-lingwa Ingliza tradott ghall-lingwa Maltija mill-Qorti fit-30 ta' Jannar 2013 fejn ghamel referenza ghax-xhieda tieghu tad-9 ta' Jannar 2013 u xtaq jikkjarifika parti minnha u cioe' li huwa kien baqa' jipprova jcempel lis-socjeta' konvenuta. Huwa spjega li ghall-ewwel huma kienu jwiegbu t-telefonati tieghu, pero' sussegwentement huma ma kinux jirrisponduh.

Ix-xhud iddikjara li f'Lulju huma rritornaw l-ewwel extractor li kienu xtraw minn ghandhom u kienu xtraw extractor iehor fix-xahar ta' Settembru u cioe' xahrejn wara. Is-socjeta' konvenuta kienet spjegatlu li l-extractor kien spicca

bil-hsara ghax ma kienx sarlu service. Pero' fl-opinjoni tax-xhud extractor ma jigrilux hsara fi zmien sitt xhur izda jservu ghal hafna snin sakemm ma jkollhomx xi difett. Dan huwa qed jghidu mill-esperjenza tieghu ta' tliet restoranti ohrajn.

Mistoqsi ghaliex huwa xtara t-tieni extractor minn Blye Engineering, huwa spjega li huwa ghamel ir-ricerka tieghu u skond parir li nghata mill-inginiera, huwa kellu jaghmel *soft starter* mal-extractor. Anke jekk jirrizulta li l-extractor ikollu l-istess difett, huma ma jkollhomx l-istess problema ghax ir-rota ma ddurx bl-istess sahha. Din kienet l-ewwel darba li huma uzaw *soft starter* ma' extractor fan fuq rakkomandazzjoni li kellhom li ma kienx ser ikollhom l-istess problema. Ix-xhud qal illi d-*ducting* li ghamlu fir-restorant kien ghal dan il-mudell specifiku u li kieku kellhom imorru ghand kumpanija ohra, kien ikollhom jibdlu d-*ducting system* kollu. Huwa stqarr li peress li l-ispiza kienet kbira u peress li kienu qed jitilfu l-flus, iddecidew li jixtru l-istess mudell. Huwa sostna li peress li ma kellhomx risposta mis-socjeta' konvenuta huma ma kellhomx ghazla hlief li jiehdu decizjoni huma. Qal li meta huwa cempel lil tal-Blye, huwa ma rrispondihx ghax gharfu izda meta x-xhud cempel minn telefon iehor, huwa rrisponda.

Ix-xhud hass li ma kellhux ghalfejn jiehu parir minghand l-inginiera tieghu qabel ma jinstalla l-ewwel extractor ghax kien ha l-parir mis-socjeta' konvenuta. Sa fejn kien jaf ix-xhud, il-handyman installa l-ewwel extractor skond il-kundizzjonijiet moghtija mis-socjeta' konvenuta. Huwa ma kienx prezenti meta l-handyman tieghu u s-socjeta' konvenuta kkomunikaw bejniethom. Is-socjeta' konvenuta kienet taghat il-parir taghha meta x-xhud kien qata' qalbu li kienu ha jikkomunikaw maghhom. Dan sar qabel ma nxtara t-tieni extractor.

Ix-xhud ikkonferma li huwa kien jaf li l-kumpanija kienet maghluqa fl-Italja. Huwa ddikjara li l-esperjenza tieghu mas-socjeta' konvenuta kienet dizastru totali. Filfatt il-mara li kienet fir-reception tas-socjeta' konvenuta u li tiehu hsieb il-customer service talbet skuza ghas-servizz hazin. Din il-mara kienet ghadha kemm giet lura minn vaganza ta' xahar. Ix-xhud iprometta illi permezz ta' nota, jezebixxi d-dokumenti kollha li gew skambjati bejn iz-zewg kumpaniji.

**Matthew Marshall** rega' xehed bil-lingwa Ingliza tradotta ghal-lingwa Maltija mill-Qorti fit-3 ta' Lulju 2013 u esebixxa dokument li gie mmarkat bhala dokument CSH. Spjega li f'dan id-dokument hemm indikazzjoni dwar il-bejgh li ghamlu minn mindu inkiser l-extractor ghal ftit ta' zmien wara. Ikkonferma li fir-raba' kolonna ta' dan id-dokument hemm is-sales, liema kolonna giet immarkata bl-Ittra 'X' mill-Qorti. Tenna li fir-rigward tax-xahar ta' Gunju stqarr li l-bejgh kien sejjer tajjeb izda sussegwentement f'nofs ix-xahar ta' Gunju l-*extractor* kien inkiser. Sussegwentement fix-xhur ta' Lulju u Awwissu u nofs Settembru meta l-extractor kien ghadu ma ssewwiex is-sales ma kinux tajbin. Huwa jattribwixxi dan il-fatt billi jghid li r-restaurant dak iz-zmien kien maghluq minhabba li ma kellux l-*extractor fan* jopera.

Mistoqsi ghaliex allura hemm indikat xorta f'dan id-dokument li effettivament sar xi bejgh meta r-restaurant kien maghluq jghid li l-post kellu l-bar u dawk is-sales gew registrati minn fuq il-bar. Qal li l-extractor fan rega' gie nstallat fl-ahhar ta' Settembru meta s-sales regghu bdew joghlew b'mod drammatiku. Allura argumenta li jekk tqis il-bejgh li sar f'Settembru u tattribwihom ghax-xhur ta' Gunju jkun hemm deskripanza bejn wiehed u iehor ta' xi erbghin elf (40,000 euro). Issa jekk tiehu l-average cost ta' restaurant, food and labour jghid li dawn jigu xi madwar hamsin fil-mija (50%) u ghalhekk jikkontendi li bejn wiehed u iehor tilef xi ghoxrin elf ewro (20,000 ewro). Qal li kieku huma komplew jahdmu b'mod regolari minn Gunju il-bejgh naturalment kien jizdied

aktar. Qal li ghalkemm isostni li sofra xi ghoxrin elf huwa kien qed jirriduci t-talba tieghu ghal dak l-ammont li jaqa' fil-kompetenza ta' din il-Qorti.

Rat il-verbal tal-partijiet kif registrat fl-atti u appuntu fil-verbal datat 3 ta' Lulju 2013 fejn inghad is-segwenti:

"*Dr. Grima ghas-socjeta' attrici jiddikjara illi nonostante illi d-danni li sofriet is-socjeta' attrici huma ghola mis-somma massima tal-kompetenza ta' din il-Qorti l-istess socjeta' qed tillimita t-talba taghha sal-massimu ta' din il-kompetenza.*

*Dr Louis Vella ghas-socjeta' konvenuta jeccepixxi l-inkompetenza tal-Qorti stante li tali restrizzjoni jew limitazzjoni trid tkun l-avviz fil-mument tal-presentazzjoni u mhux skuza li s-socjeta' attrici ma kinitx taf kemm kien l-ammont ghaliex qabel jew fil-mument tal-avviz harget mandat ta' sekwestru kontra s-socjeta konvenuta li jammonta ghal ghaxart elef ewro (€10,000).*"

Rat is-sentenza preliminari taghha moghtija fl-ismijiet premessi nhar it-2 t'Ottubru 2013 fejn din il-Qorti laqghet l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta u ddikjarat li m'ghandhiex kompetenza *rationae valoris* sabiex tiddeciedi din il-kawza u ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

Rat is-sentenza preliminari moghtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-24 ta' Settembru, 2014 fejn dik il-Qorti cahdet l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta u ddikjarat li din il-Qorti ghandha kompetenza *rationae valoris* sabiex tiddeciedi din il-kawza u ghalhekk rinvjat l-atti lura lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat li din il-Qorti kif preseduta appuntat il-kawa ghall-kontinwazzjoni tas-smiegh ghal nhar l-4 ta' Frar 2015.

Rat illi l-attur iddikjara li ma kellux xhieda ohra xi iressaq u dan fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2015 u ghalhekk il-konvenut beda bix-xhieda tieghu nhar l-24 ta' Gunju 2015.

Semghet ix-xhud l-**Inginier Raymond Mallia** jixhed ghan-nom tas-socjeta' konvenuta nhar l-24 ta' Gunju, 2015 fejn kkonferma li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta' konvenuta u li ilu jokkupa din l-istess kariga ghal dawn l-ahhar tletin sena. Ikkonferma li fit-22 ta' Novembru tas-sena 2011 kif jidher mid-dokument li esebit u mmarkat bhala Dokument CSH jikkonferma li s-socjeta' attrici kienet xtrat extractor fan minn ghandhom tad-ditta Marsorati li huwa ta' mudell 1818 u dan sabiex jigi nstallat fil-'*Badass Bar and Restaurant'*, Old Theatre, Street, Valletta. Esebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dokument CSH1 u dokument iehor li gie mmarkat bhala Dokument CSH2 li jindikaw l-ispecifications ta' dan il-mudell *extractor fan*. Effettivament ikkonferma illi dan il-bejgh kien sar wiehed *cash sale.* Qal li wara xi tmien xhur jew disa' li kienu effettivament hadu dan l-*extractor fan* kienu regghu haduh lura. Mistoqsi jekk effettivament kienux staqsewh ghal xi specifications partikolari meta ghamlu l-bejgh originali jghid illi ma jidhirlux pero' jaf li jista' jkun li tkellmu mieghi. Mistoqsi jekk kienu qalulu li kellu jkollu xi uzu partikolari dan l-*extractor fan* jghid illum-il gurnata ma jiftakarx. Jghid illi l-*extractor fan* in kwistjoni huwa wiehed industrijali u b'hafna kapacita' (power) pero' fil-balancing tieghu huwa wiehed delikat. Spjega per ezempju bhal rota ta' karozza li meta jkun hemm bzonn xi *balancing* taghha, taghmilha xi bicca comb mal-genb ghax inkella r-rota tperper. L-istess jaghmlu dawn il-fannijiet mill-fabbrika ghal kull wiehed. Jghid illi dan it-tip ta' fann jista' jinxtara minghand kulhadd li jaghmel dan it-tip ta' extractor fans. Huwa fann li jinxtara bil-qies. Dan it-tip ta' fann jintuza fuq extractions ukoll fuq ventilations

systems. F'dan il-kaz jidher illi l-fann kien qieghed tajjeb ghall-uzu ghalxiex inxtara ghax effettivament kien gia beda jahdem u hadem ghal diversi xhur u kienu kuntenti bis-servizz li gie moghti lilhom. Li gara huwa li meta effettivament hadu l-fann lura dana kien mahmug immens. Jghid li effettivament kellu erbgha jew hames millimetri ta' xaham fuqu u dan fuq l-*impellor* tieghu. Naturalment il-fann zbilancja ruhu cioe' jigi kontra dak li taghmel il-fabbrika sabiex jigi bilancjat. In segwitu dana jibda johloq hafna *vibration*. Fil-kaz partikolari l-*vibration* gieghlet lill-impellor jinqala' minn fuq ix-shaft u l-hsara giet ikkagunata b'hekk u ghalhekk spjegajlhom minnufih li dan ma kienx kaz ta' negligenza ta' garanzija tal-fabbrika.

Ikkonferma effettivament illi s-socjeta' Blye kienet qaltilhom biex jixtru fann iehor kif effettivament hemm indikat fl-ittra ezebita u mmarkata Dok. CSH. Pero' dak li ma qalx l-Avukat miktub f'din l-ittra huwa kif effettivament kellu jinxtara dan il-fann. Huma joffru li kull haga li jkun hemm *dispute* dwarha wara li huwa jkun ta l-opinjoni tieghu sabiex jibghatuha l-fabbrika originali fejn ikun gie manifatturat u jghid illi nel frattemp huma dejjem ikollhom stock ta' dawn il-fannijiet u ghalhekk offrewlhom biex jixtru iehor *on invoice,* u ma jhallsuhx sakemm il-fabbrika tiddeciedi ta' min hu t-tort tal-*extractor fan* li jkun gie mibghut lilhom.

Effettivament jghid li pero' illi s-socjeta' attrici m'accettatx ghax ma xtratx *extractor fan* minn ghandhom dak iz zmien izda xi erba' xhur wara u dan kif jirrizulta mix-xhieda li ta Godwin Pullicino nhar it-30 ta' Jannar 2013. Kien qalilhom illi l-fabbrika ma kinitx lesta li taccetta illi x-xoghol kien hazin izda hu kien qalilhom li kien lest li jiehdu free of charge biex il-fabbrika tispezzjonah. Fil-fatt kien hadu. Stqarr illi dana kien ghal habta tal-ahhar ta' Lulju. Kulhadd jaf illi Awwissu l-Italja jkun hemm il-Ferragosto u ghalhekk kien ha ammont ta' zmien sakemm haduh; lura u kellhom risposta mill-fabbrika tal-Italja. Jghid li meta regghu fethu f'Settembru tawhom risposta.

Huwa esebixxa l- ittra datata 27 ta’ Awwissu li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument CSH3 liema ittra giet mibghuta mis-socjeta’ konvenuta. Esebixxa ittra ohra li rcieva minghand Fenech and Fenech office li giet immarkata bhala Dokument CSH4 u ittra r-risposta taghha li giet mmarkata bhala Dokument CSH5 fejn fil-fatt kien informahom li l-fabbrika ma taccettax it-tort ukoll u illi l-fann inkwistjoni kien *beyond economical repair*. Biex jissewwa dan il-fann kien ha jigi qisek ha tixtri wiehed gdid u ghalhekk ma ssewwiex. Wara dan kollu cio’ nonostante talab il-fabbrika estera biex tibghatlu rapport. Baghtitlu rapport liema rapport gie esebit u mmarkat mill-Qorti bhala Dokument CSH6 u f’dan ir-rapport hemm piu’ o meno dak li kien qal hu stess u ghalhekk qal wkoll li dan m’huwiex it-tort taghhom u li l-hsara li kellu kien rizultat ta’ *lack of maintenance*.

Dan l-aggravju ma jkun kopert mill-ebda garanzija. Wara li kien sema lil Pullicino jixhed f’dawn il-proceduri u appuntu fejn qal li kien hemm bzonn xi soft start biex dan il-mutur jitqabbad jghid li la fil-katalogu u lanqas fil-website tal-kumpanija ma jezisti l-ebda *soft start* biex jitqabbad dan il-fann. Jghid li minn dawn il-fannijiet kien biegh mijiet u qatt ma kellhom problemi bhal dawn u qatt ma nstallaw l-ebda soft start. Fil-fatt ghaxar snin qabel kienu nstallaw tlieta minn dawn il-fannijiet fil-Cavallieri Hotel li ghadhom jahdmu sa llum u ghalhekk in segwitu kien talab il-fabbrika tikkonferma jekk dan il-fann ghandux bzonn *soft start.* Huwa esebixxa d-dokumentazzjoni li rcieva minghandhom li giet immarkata bhala Dokument CSH7. Huwa kien tkellem ma’ zewgt min-nies meta ppruvaw jaghmlu kuntatt maghhom u jekk mhux sejjer zball kienu Matthew Marshall u Godwin Pullicino. Il-fann mid-dehra kien qed jahdem fuq xi *hood* tal-kcina u jghid li m’hemmx *filters* adegwati u ghalhekk ix-xahmijiet li jitilghu minn dan il-*hood* bdew jiddepozitaw fuq l-*extractor* u ghalhekk dan ifisser li jew irid jitnaddaf aktar spiss jew ikollok *filters* tajbin bizzejjed biex ma thallix ix-xaham jiddepozita. Huwa kien informa lis-socjeta’ attrici dwar il-kontenut tar-rapport ezebit fl-atti mmarkat bhala

Dokument CSH6. Fil-fatt kien talabhom xi xtaqu jaghmlu bil-fann jekk rieduhx lura pero' ma kienux wegbuh. Naturalment l-accessorji li jkun hemm bzonn jitwahhlu mal-fann, jitwahhlu minnufih mal-fann u l-fann jigi bl-accessorji necessarji.

L-**Inginier Ray Mallia** kompla jixhed in kontro-ezami nhar id-9 ta' Dicembru, 2015 fejn beda billi ddikjara li apparti hu, bhala inginier fis-socjeta' konvenuta m'hemm hadd iktar. Ghalhekk jekk kif qal il-foreman tas-socjeta' attrici, kien tkellem ma' rapprezentant tas-socjeta' konvenuta w spjegalu l-qies tad-ducting u l-gholi tal-bini, probabilment kien hu. Mistoqsi jekk kienx prezenti meta nxtara l-extractor fan in kwistjoni, qal li ma jiftakarx, pero' zied li jkollu aktar minn kaz wiehed simili kuljum. Spjega li hu jaghti l-code tal-item li l-klijent ikollu bzonn u sussegwentement meta jmorru jixtru jsibu s-sales people. Imbaghad jekk tinqala' kwistjoni ta' dettall is-sitwazzjoni kienet tispicca ghandu.

Ikkonferma dak li kien qal fix-xhieda tieghu, cioe' illi l-extractor fan in kwistjoni huwa wiehed industrijali u b'hafna power, pero' li kellu l-balancing tieghu delikat. Spjega li kull blower huwa hekk u mhux dak partikolari, u ghalhekk huwa necessarju illi effettivament l-extractor irid ikun bilancjat tajjeb biex ma jkunx hemm hsejjes zejda. Zied jispjega li l-kwistjoni ta' balancing m'ghandhiex x'taqsam mal-power, cioe' jekk tkunx b'hafna forza jew le. L-extractor fan irid ikun dejjem bilancjat perfett indipendement mill-power tal-istess extractor fan. Jekk ma jkunx hemm il-bilanc kif suppost ikun hemm il-hsara. Il-fatt li l-fann jistartja b'hafna velocita' ma jfissirx li l-balance ghandu jintilef. Il-fann in kwistjoni huwa maghmul biex jibda b'dik il-velocita' u f'dik is-sahha kif iccertifikatu l-kumpanija li hargitu. Mistoqsi jekk spjegax lis-socjeta' attrici li filfatt il-balancing huwa wiehed delikat, wiegeb li jispjegajlhom dak kollu li jistaqsuh izda ma joqghodx jidhol fid-dettall kif ghandu jitwahhal, ghaliex dan huwa xoghol ta' min effettivament se jwahhlu.

Mistoqsi jispjega kif effettivament it-tieni extractor li twahhal wiehed ghadux jahdem sal-lum waqt li l-ewwel wiehed li huwa ezattament l-istess waqaf, qal illi l-persuna li wahhlet it-tieni extractor tal-istess socjeta attrici kienet marret ghandu xi xahar qabel biex tixtri extractor iehor ghalkemm qeghdin il-Qorti, pero' effettivament kien hemm l-istess problema. Mistoqsi min kienet dil-persuna, qal illi bl-amment ma jafx pero' l-ufficcju aktarx li ghandu. Ix-xhud qal li dan id-diskors sar fil-prezenza ta' wiehed mit-tfal tieghu u sostna illi jekk l-extractor jerga' jithammeg u jigi fl-istess kundizzjoni, se jerga' jkun hemm l-istess tip ta' hsara.

Inoltre qal li meta tinqala' kwistjoni bhal din, huma joffru li jtuh extractor iehor on invoice, kif effettivament sar f'dan il-kaz. Sussegwentement il-fabbrika tiddeciedi ta' min ikun it-tort u jekk it-tort ikun taghhom ma jiccargjawx tat-tieni extractor waqt li jekk it-tort ma jkunx taghhom naturalment ikunu jridu jithallsu.

Cahad li l-ewwel darba li s-socjeta' attrici l-ewwel semghet b'din il-policy taghna hija f'din il-kawza, ghaliex hu zgur li kien spjegaha liz-zewg persuni msemmija fl-ittra, wiehed fuq it-telefon u l-iehor di vista. Inoltre qal li din hija routine li jghidu n-nies tieghi wkoll. Sostna li hu m'ghandu l-ebda interess li jcahhad il-klijent jekk ikun hemm xi haga hazina li tkun ghamlet il-fabbrika.

**Mireille Mallia** xehdet fl-1 ta' Marzu, 2016 u spjegat li hija tigi bint Ray Mallia u tahdem fis-socjeta' konvenuta u dan bhala manager tal-hanut. Tiftakar li s-sajf li ghadda 2015 kienet dahlet persuna bl-isem ta' Joe u dan f'hanut taghhom gewwa Naxxar Road, San Gwann u qalilha li kien marlu l-blower tal-kumpanija Snoop. Naturalment qaltlu li huma kienu l-Qorti fuq blower, qalilha li kien jaf pero' ma kienx hu li dahhalhom il-Qorti izda l-partner tieghu u spjegat li effettivament huwa xtaq li jixtri blower minghandhom. Pero' ma tafx jekk xtrahx jew le ghalkemm qalilha li kellu bzonn blower. Hija ma tafx x'kellu

bhala blower qabel u fil-fatt ma ddiskutewhiex xi blower kellu bzonn. Kellu jaghmel il-verifiki tieghu u sussegwentement taf li telaq 'l hemm.

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Novembru, 2016 Dr Jacques Farrugia pprezenta nota ta' sottomissjonijiet f'isem Snoop Company Ltd (C42753).

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Jannar, 2017 Dr Massimo Vella pprezenta nota responsiva f'isem Blye Engineering Company Limited (C8256).

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Frar 2017 l-avukati tal-partijiet ghamlu referenza ghan-noti ta' sottomissjonijiet taghhom u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti fil-qosor kienu s-segwenti u dwar dan ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni:

Illi s-socjeta' attrici kienet xtrat minghand is-socjeta' konvenuta 'extractor fan' nhar it-22 ta' Novembru 2011 sabiex jigi installat f'restaurant li jopera l-Belt Valletta maghruf bl-isem 'Street' u dan skond l-ispecifications indikati fid-dokument CSH u CSH 1 (esebiti fl-atti a fol. 52 – 54). Illi dan l-extactor fan gie installat mis-socjeta' attrici stess u cioe' a karigu taghha. Jinghad li dan il-fan hadem ghal certu zmien izda wara ftit xhur is-socjeta' attrici rritornat dan l-extractor lis-socjeta' konvenuta u dana fuq premessa li ma kienx qed jahdem. Jidher li dan il-fan ghamel zmien twil ghand is-socjeta' konvenuta tant li s-socjeta' attrici xtrat extractor fan iehor minghand is-socjeta' konvenuta sakemm dam jissewwa.

Jidher li meta dan l-extractor fan gie dismanteled irrizulta li kien mahmug hafna sahansitra kellu xi 4 jew 5 millimetri ta' xaham fuq l-impellor tieghu skond is-socjeta' konvenuta u dan mhux kontestat mis-socjeta' attrici. Irrizulta li s-socjeta' konvenuta baghtet l-extractor fan gewwa l-Italja sabiex jigi verifikat u ezaminat mis-socjeta' li tissuplihom u dan bil-ghan li jigi stabbilit x'kienet il-kawza 'l ghala ma kienx qed jahdem sewwa.

Irrizulta mid-dokument esebit fl-atti a fol 55 immarkat bhala Dok CSH 3 li l-extractor fan ma kienx qed jahdem peress li ma sarx maintence fuqu mis-socjeta' attrici . Is-socjeta' konvenuta nfurmat lis-socjeta' attrici dwar dan u fil-fatt stqarret f'dan l-istess dokument CSH 3 li l-isbriga sabiex dan l-extractor fan jittiehed gewwa l-Italja sar a spejjez taghha u kienet lesta li twassal lura dan l-extractor fan ghand is-socjeta' attrici una volta s-socjeta' attrici thallas lis-socjeta' estera tal-ispejjez involuti sabiex jittranga. Cio' nonostante s-socjeta' konvenuta ma wegbitx ghal din l-ittra u fis-6 ta' Settembru 2012 is-socjeta' konevnuta infurmat lis-socjeta' attrici li in effetti l-extractor fan kien beyond economical repair (vide Dok CSH 6 a fol. 58).

Issa fil-kaz in desamina is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti tiddikjara li l-extractor fan mixtri minnha kellu difett latent u/jew ma kienx skond il-kwalita' patwita u/jew ma kienx addetat ghall-uzu li ghalih gie mixtri u konsegwentement tillikwida d-danni sofferti minnha bhala rizultat ta' dan il-fatt, oltre li tigi kkundannata thallasha l-ispiza li nkorriet sabiex tixtri dan l-extractor fan u cioe' l-ammont ta' €967.27 jew li tikkonsenja extractor fan iehor identiku.

Illi s-socjeta' konvenuta fil-fatt tichad li l-extractor fan kellu xi difett latent jew li ma kienx skond il-kwalita' pattwita izda stqarret li l-hsara li kien hemm fil-fan kien kagun tan-nuqqas ta' maintence mizmum minnha u ghalhekk hija ma ghandha tghati l-ebda flus lis-socjeta' attrici.

Illi kif tajjeb osserva l-avukat tas-socjeta’ konvenuta li l-azzjoni odjerna hija bazata fuq zewg premessi alternattivi. Fl-ewwel lok li l-extractor fan ma kien mahkum minn difett latent u/jew altrimenti li l-extractor fan ma kienx skond il-kwalita’ pattwita u fiz-zewg kazijiet ghalhekk l-uzu tieghu ma kienx adatt ghall-iskop minnha mixtri.

Illi l-allegazzjoni li l-oggett li nxtara mis-socjeta’ attrici ma kienx skond dak miftiehem irid jirrizulta mill-provi. Illi ma hemmx dubju li l-extractor fan inxtara minghand is-socjeta’ konvenuta u intuza ghal numru ta’ xhur bla problemi ta’ xejn. Illi jirrizulta li maz-zmien dan zviluppa problema u waqaf jahdem. Illi ghalhekk sabiex jinghad li kien hemm difett mohbi irid jigi stabbilit x’kien id-difett li wassal il-fan sabiex ma jahdimx aktar. Jirizulta mid-dokumentazzjoni esebita mill-Inginier Ray Mallia li l-fan waqaf jahdem ghaliex kien mimli bix-xaham u dan bhala rizultat li s-socjeta’ konvenuta naqset li taghmel il-maintenance fuqu. Ghalhekk din mhix kwistjoni ta’ difett mohbi.

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet ‘**Avukat Dr. Carlo Moore Noe. vs A.i.c Carmelo Falzon et’** nhar il-4 ta’ Novembru 1957 il-Ligi tikkontempla d-difett okkult f'materja ta' bejgh u skond l-istess ligi, biex id-difett ikun okkult, irid ikun tali li jkun hemm l-impossibilita' li jigi skopert. Jekk b'ezami serju u mhux superficjali jista’ jigi konoxxut, il-vizzju huwa apparenti.

Sabiex tirnexxi azzjoni *aestimatoria* minhabba difett latenti, ghandhom jigu meqjusa numru ta’ konsiderazzjonijiet kemm fattwali kif ukoll legali. F’kaz ta’ kompravendita, l-artikolu **1378** tal-Kap XVI jistabilixxi zewg obbligi, wiehed huwa l-konsenja, u l-iehor il-garanzija tal-haga mibjugha. L-artikolu **1408** jipprovdi illi trid tinghata mill-venditur garanzija rigward difetti li ma jidhrux

fil-haga mibjugha. L-artikoli l-ohra tal-Kodici Civili illi huma l-aktar pertinenti ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

**1424.** Il-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar, li kieku kien jaf bihom.

**1425.** Il-bejjiegh ma jwegibx ghad-difetti li jidhru, illi x-xerrej seta' jsir jaf bihom wahdu.

**1426.** Izda, huwa jwiegeb ghad-difetti li ma jidhrux, ukoll jekk ma kienx jaf bihom, kemm-il darba ma jkunx ftiehem li, f'dan il-kaz, m'ghandux ikun obbligat ghal ebda garanzija.

**1427.** Fil-kazijiet imsemmijin fl-artikoli 1424 u 1426, ix-xerrej jista' jaghzel, billi jigi 'l quddiem bl-azzjoni redibitorja, li jaghti lura l-haga u jitlob ir-radd tal-prezz, inkella, billi jigi 'l quddiem bl-azzjoni stimatorja, li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-qorti.

**1429.** (1) Jekk il-bejjiegh kien jaf bid-difetti tal-haga mibjugha, hu obbligat mhux biss li jrodd il-prezz li jkun ircieva izda wkoll li jhallas id-danni lix-xerrej.

(2) Jekk il-bejjiegh ma kienx jaf bid-difetti tal-haga, hu obbligat biss irodd il-prezz u jhallas lix-xerrej l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-bejgh.

Skond il-ligi ghalhekk l-azzjoni aestimatorja jew 'quanti minoris' tippresupponi dawn l-elementi bazici:

1. l-ezistenza ta' vizzji mohbija fil-haga mibjugha;

2. li dawn il-vizzji kienu jezis/tu fil-mument tal-bejgh;

3. li l-piz tal-prova tal-vizzju mohbi jinkombi fuq ix-xerrej (Vol XL1 p2 p840);

4. li d-difett ikun ta' certa gravita' relattivament ghal haga mibjugha u ghall-prezz imhallas ghaliha.

Id-difett involut ma jridx ikun wiehed superficjali jew kosmetiku, imma difett serju. Ghalkemm il-fatt illi giet promossa kawza jixhed illi soggettivament, almenu ghall min ipproponiha, huwa jhoss illi d-difett lamentat kien serju, dana ma jezonerax lill-Qorti mid-dmir taghha illi tinvestiga l-entita` tal-allegat difett.

Illi l-gravita` tad-difett reklamat trid tissussisti inekwivokabbilment:
"E` *necessario che tali vizii siano* ***di una certa gravita`****, la cui misura e` determinata dalla legge su due criterii, l'uno obbiettivo consistente nella assoluta inettitudine della cosa all'uso cui e` destinata, oppure nella diminuzione di tale uso; l'altro subiettivo consistente nella intenzione del compratore il quale se avesse conosciuto quel vizio nonavrebbe comprato la merce o almeno l' avrebbe acquistata a prezzo minore*[1]"

Jekk id-difett jirrendi l-haga inidonea ghall-uzu taghha jew inaqqas il-valur tant illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien jaghti prezz iktar baxx, dan huwa bizzejjed biex jipprova l-gravita`.

L-azzjoni tista' tigi esperita indipendentement mill-fatt jekk id-difett jistax jissewwa jew le[2]. Lanqas ma hemmx ghalfejn id-difett ikun ta' natura permanenti, jew irreparabbli[3]. Il-ligi stess tghid illi id-difetti, li jridu jkunu ma jidhrux, *"jghamluha mhux tajba ghall-*uzu *li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi xxerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar, li kieku kien jaf bihom"*[4].

In-nozzjoni ta' "difett" ghall-finijiet ta' dan l-artikolu gie definit mill-Qrati taghna bhala li jikkomprendi *"kull anormalita' jew imperfezzjoni, u kull gwast jew avarija li tigi riskontrata fil-haga u li, aktar jew anqas, tnehhilha lattitudini*

[1] **Ettore Lucia vs Tommaso Chevalier noe**, Qorti ta' l-Appell Kummercjali, 21 ta' Gunju, 1920.
[2] Ara f'dan ir-rigward, **Azzopardi vs Camilleri** 30 ta' Novembru, 1993, u **Dimech vs Earle**, 10 ta' Dicembru, 1993.
[3] **Cefai vs Petroni**, 38.1.279
[4] Artikolu 1424, Kap XVI.

*ghall-uzu jew l-bonta' jew l-integrita' taghha."* Il-vizzji jew id-difetti jridu jkunu **gravi, okkulti u preezistenti**[5]. Id-difett irid ikun wiehed verament latenti:

*Il-vizzju huwa okkult (redibitorju) meta x-xerrej, b'diligenza ordinarja u wahdu ma jkunx jista' jiskopri ddifetti. Meta l-haga mibjugha timmanifesta ghax-xerrej ordinarjament attent difett jew tracci li jindikaw l-ezistenza tad-difett, allura l-vizzju jkun wiehed apparenti. Il-gudikant ikun irid jaghmel apprezzament tac-cirkostanzi kollha tal- kaz fosthom dawk taz-zmien, tal-post u tal-persuni nvoluti.*[6]*"*

Fis-sentenza fl-ismijiet '***Joseph Belli vs Edward Seychell'*** deciza fil-25 ta' Gunju, 1990, din il-Qorti qalet illi :

*"Meta fil-haga mibjugha hemm difett li huwa apparenti, il-bejjiegh ma jirrispondix ghalih ghax jekk id-difett kien apparenti ix-xerrej jew innotah jew seta' innotah. Jekk innotah hadu in konsiderazzjoni meta ftiehem fuq il-prezz; jekk ma innotahx izda seta' jinnotah ghandu jbati konsegwenzi tat-traskuragni tieghu waqt l-ezami ta' loggett li kien qed jixtri".*

L-istess sentenza tkompli tghid illi l-kompratur ghandu juza dik id-diligenza konsweta tal-*bonus pater familias* avut rigward ghan-natura ta' l-istess haga u ghac-cirkostanzi tal-kuntratt u ghall-uzu komunement osservati. (Vol 38 p1 p 279).

Baudry-Lacantinerie jispjega illli "*il vizio sarebbe occulto, se non potesse essere avvertito che per mezzo d'un lavoro che non s'usa fare. Cosi`, il Duvergier cita una sentenza della corte di Lione del 5 Agosto 1824, che ha*

[5] (**Perit Cav. Emanuele Borg vs Carmelo Petroni noe,** Qorti tal-Appell 29.01.1954 Vol.XXXVIIIA.I.279).
[6] **Emanuel Fava vs Prof. John Mamo LL.d. noe e**t, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 3 ta' Ottubru, 2003. Ara wkoll – "**Carmelo Schembri –vs- Salvina Aquilina *nomine***", Qorti tal- Kummerc, 6 ta' Novembru 1987; "**Pierre Vella Petroni – vs- Joseph Oliver sive Oliver Ruggier**", Appell, 3 ta' Dicembru 1999.

*ammesso l'azione redibitoria contro la vendita d'una casa nella quale la quasi totalita` delle travi e pietre di sostegno degli spigoli della volta che sostenevano i solai erano guasti. La corte si e' fondata su cio` che le travi e le pietre, essendo coperte ed inviluppate per tutta la loro estensione dai solai e dai soffitti, erano sottratte a tutti gli sguardi. Si sarebbe potuto senza dubbio, togliendo i solai e abbattendo i soffitti, conoscere lo stato delle travi e delle pietre di sostegno; ma non usa fare tali deterioramenti quando si visita una casa per comprarla. Anche se le travi fossero scoperte e che fossero tarlate solo all'interno senza che niente apparisca all' esterno, il vizio sarebbe occulto, perche` sfuggirebbe agli occhi delle persone attente e pratiche" (Della Vendita e Permuta, pagna 440).*

Illi kif irrizulta mix-xhieda fuq rapportata din ma kinitx kwistjoni ta' difett latent u dan ghaliex l-extractor fan hadem ghal numru ta' xhur izda kienet kwistjoni fejn l-extractor fan zviluppa hsara minhabba n-nuqqas tas-socjeta' attrici stess li ma ghamlet l-ebda maintenance fuqu ghal perjodu ta' zmien tant li kien mimli xaham u din kienet il-kawza prossima ghaliex ma hadimx aktar kif del resto ikkonfermat is-socjeta' estera u din il-prova ma giet kontestata bl-ebda prova ohra teknika. Ghalhekk l-azzjoni maghzula mis-socjeta' attrici f'dan ir- rigward ma ssib l-ebda soljev fil-kwadru tal-fatti moghtija.

Illi rigward l-allegazzjoni tas-socjeta' rikorrenti li l-oggett mixtri ma kienx skond il-kwalita' pattwita jinghad ukoll li s-socjeta' attrici ma pprovat fl-ebda istanza li hija ordnat l-extractor fan b'xi specifications jew uzu partikolari u l-fan li gie konsenjat ma kienx kif ordnat. Is-socjeta' konvenuta pprezentat l-ispecifications tal-extractor fan u dawn ma gewx kontestati.

Alternattivament, is-socjeta' attrici bhala xerrej qed tilmenta li l-oggett konsenjat mertu ta` bejgh ma kienx tal-kwalita` patwita ("*aliud pro alio*").

L-**Artikolu 1390 tal-Kapitolu 16** jaqra hekk:

"*Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti*".

Illi hawn issir riferenza ghall-kawza ismijiet "**<u>Pace Asciaq Anthony et vs Camilleri Joseph et</u>**" (P.A. (PS) - 28 ta' Jannar 2004) fejn intqal:

"*Minn dak rinvenut fil-Kodici Civili jirrizulta li r-rimedji miftuha lix-xerrej f'kaz ta' vendita huma essenzjalment dawk dettati mill-Artikolu 1390 u 1427, rimedji li fil-kaz tal-ewwel artikolu bazat fuq in-nuqqas tal-kwalita` mweghda, jakkorda lix-xerrej fil-mument tal-konsenja tal-oggett mibjugh, li jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob ukoll id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit. Fil-kaz tat-tieni, bazat fuq il-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux, il-ligi wkoll tassenjalu d-dritt tal-ghazla wara rricezzjoni tal-oggett, jigifieri jew li jirrecedi mill-bejgh bl-azzjoni redibitorja jew li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti u li tirrapprezenta l-valur tad-difett riskontrat, bl-azzjoni proprjament imsejha estimatorja. Huma dawn ir-rimedji li l-ligi tipprrovdi lix-xerrej.*."

F'dan il-kaz ix-xerrej ma ghamel xejn minn dan u dan ghaliex meta l-oggett gie konsenjat lilu huwa ghamel uzu minnu ghal diversi xhur minghajr problemi u kien biss wara tmien xhur ta' uzu kontinwu li beda jilmenta minn dan l-extractor fan u dan ghaliex waqaf jahdem. Jirrizulta li l-ilment tas-socjeta' attrici ma kienx tali li l-oggett konsenjat ma kienx skond il-kwalita' pattwita ghaliex fil-fatt l-extractor fan kien qed jiffunzjona tajjeb ghall-ewwel li gie installat izda kien biss wara numru ta' xhur li waqaf jahdem. Jirrizulta li l-oggett waqaf jopera mhux ghaliex kellu xi difett intrinsiku izda peress li s-socjeta' konvenuta naqset li taghmel il-manutenzjoni rikjesta fuqu u ghalhekk

zgur li dan in-nuqqas ma jammontax ghal fatt li l-oggett ma kienx skond il-kwalita' pattwita. Huwa ovvju li haga li tkun fi kcina bil-fwar ghaddej il-hin kollu trid tigi mantenuta. In oltre jinghad li s-socjeta' attrici, xerrej fil-mument tal-konsenja ma irrifjutatx l-oggett u lanqas ma ddepozitat l-oggett il-Qorti izda accettat li jintbaghat barra sabiex jigi stabbilit il-kawza 'l ghala ma baqax jahdem.

Illi dwar it-talba ghad-danni rikorrenti, l-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta' konvenuta fl-ebda hin ma tista' tinzamm responsabbli u dan ghaliex id-danni li semmai soffriet is-socjeta' attrici kienu 'auto inflicted' u dan ghaliex ma ghamlitx il-maintenance dovut fuq l-extractor fan. Is-socjeta' konvenuta kienet tista' tinzamm responsabbli biss f'kaz li jirrizulta li kien hemm xi nuqqas minn naha taghha li f'dan il-kaz zgur li ma jirrizultax.

**Ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u qieghda tichad it-talba attrici.**

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati kollha mill-istess socjeta' attrici salv ghall-ispejjez konnessi mal-Appell li sar mis-socjeta' attrici fil-mertu ta' din il-kawza minn fuq is-sentenza preliminari moghtija minnha nhar it-2 ta' Ottubru 2013 liema spejjez ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' konvenuta kif ordnat mis-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Settembru 2014.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**